MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 409/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Margherita Azzopardi**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Margherita Azzopardi (I.D. 19466M) talli bejn it-3 ta’ Awissu 2007 u l-4 ta’ Awissu, 2007 ghal habta tas-1.15.m. bhala l-persuna li assumiet responsabbilita’ tal-hanut ta’ inbid, birra u xorb sprituz bl-isem “Havana” li jinsab gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, (1) daqqet jew halliet li tindaqq muzika amplifikata b’tali mod li tinstema’ minn barra wara l-11.00p.m. f’zona li ma tinsabx inkluza fil-hames skeda tal-A.L. 1/2006; u aktar (2) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlitha ta’ substitute fl-imsemmi hanut minghajr licenzja ta’ l-awtorita’ kompetenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Novembru, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmija Azzopardi mill-ewwel imputazzjoni, izda sabitha hatja skond it-tieni imputazzjoni u kkundannatha hamsa w ghoxrin lira (Lm25) ammenda;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, minnu pprezentat fis-26 ta' Novembru, 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Marzu, 2008; ikkunsidrat:

Dan hu provvediment limitat ghall-pregudizzjali, sollevata ex officio mill-Qorti fl-ahhar udjenza, dwar l-appellabilita' tas-sentenza appellata.

L-Avukat Generali qed jappella a bazi tal-Artikolu 413 (1)(b)(iv)(i) tal-Kap. 9 billi qed jikkontendi li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi, liema enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotezi tal-ligi taghti, skond gurisprudenza inveterate, dritt ta' appell lill-Avukat Geneali skond l-imsemmija disposizzjoni. Pero' tali enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi trid tirrizulta mis-sentenza jew ghall-anqas mill-atti tal-kawza bhal, per ezempju, xi verbal – bl-Ingliz jinghad li "it must result from the face of the record". F'dan il-kaz, la fis-sentenza u anqas f'xi verbal jew f'xi parti ohra tal-process ma hemm xi enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi. Infatti fis-sentenza ma hemm assolutament ebda enuncjazzjoni – tajba, hazina, jew inkompleta – ta' ligi. L-appellata f'dan il-kaz giet illiberata mill-ewwel imputazzjoni ghax l-ewwel Qorti rriteniet sempliciment li ma kienetx pruvata. Ghaldaqstant fil-kaz in dizamina ma hemm ebda dritt ta' appell da parti tal-Avukat Generali.

Ghall-motivi premessi tiddikjara l-appell irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------